MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 73/1958/2

**Maria mart l-imsiefer Philip Debono u b'nota tat-2 ta' Marzu 1978 l-Avukat Dottor Alfred Grech fil-kwalità tiegħu ta' kuratur ta' l-eredità ġjacenti ta' Filippo Debono kif nominat b'dikriet tal-Qorti ta' Għawdex Ġurisdizzjoni Volontarja tas-6 ta' Awissu 1976, assuma l-atti tal-kawża minflok l-imsemmi Filippo Debono, u b'dikriet tal-10 ta' Settembru 1992 l-ġudizzju għall-interess li kellha l-attriċi ġie trasfuż f'isem Carmela armla ta' Salvatore Vella**

***versus***

**Avukat Dr Paolo Mercieca u P.L. Luigi Cutajar b'dikriet tat-2 ta' Settembru 1958 kuraturi deputati għar-rappreżentanza ta' l-imsiefer Francesco Galea u b'dikriet ta' l-24 ta' Ottubru 1958, ġew imqiegħda barra**

**mill-kawża l-imsemmija kuraturi u minflokhom assumiet l-atti Rosa mart Michaele Galea bhala mandatarja ta' l-imsiefer binha Francesco Galea; u b'dikriet tat-12 ta' Novembru 1958 ġie msejjaħ fil-kawża l-Kanoniku Dekan Dun Francesco Camilleri bħala mandatarju ta' John Mifsud; u b'dikriet tas-16 ta' Dicembru 1999, Frank Galea ġie konfermat biex jassumi l-atti f'ismu personali u mhux bħala kuratur deputat peress illi huwa kien Malta waqt il-pronunzjament tas-sentenza mogħtija fid-19 ta' Ottubru 1999; u b'nota tat-2 ta' Frar 2000, Bernarda mart Anthony Galea assumiet l-atti tal-kawża fil-kwalità tagħha ta' mandatarja ta' l-assenti Frank Galea; u b'dikriet tas-16 ta' Dicembru 1999 Anthony Galea ġie konfermat bħala kuratur fil-kwalità tiegħu ta' mandatarju ta' Madame Paulette Poly Missud armla ta' l-istess Jean Missud u wliedu Thierry Missud, Laurant Missud u Isabelle Missud mart Jean Pierre Vienaud**

F'dawn il-proċeduri l-konvenuti b'rikors ta' l-14 ta' Settembru 2005 qegħdin jitolbu r-ritrattazzjoni ta' kawża maqtugħa b'sentenza mogħtija minn din il-qorti fit-30 ta' Jannar 2004 għar-raġuni (i) illi wara s-sentenza nstab dokument deċiżiv li huma ma kinux jafu bih jew li ma setgħux iġibuh qabel is-sentenza, skond l-art. 811(*k*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u (ii) illi s-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża, skond l-art. 811(*l*).

Il-fatti relevanti huma dawn:

Biċ-ċitazzjoni li biha nbdiet il-kawża li l-konvenuti jridu li tinstema' mill-ġdid, l-attriċi kienet talbet ir-rivendizzjoni favur tagħha mingħand il-konvenut Francesco *sive* Frank Galea tad-djar numru sebgħa (7) u tmienja (8) fi Pjazza San Pietru Pawl, in-Nadur, Għawdex, li hija kienet irkuprat b'ċedola ta' rkupru tat-18 t'Awissu 1958. Il-konvenut kien ressaq l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi r-rivendizzjoni li kien għamel favur John *sive* Jean Mifsud kienet tiswa għax dan kellu jeddijiet aqwa minn dawk li kienet qiegħda tivvanta l-attriċi.

B'sentenza tad-19 t'Ottubru 1999 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri kienet ċaħdet it-talba ta' l-attriċi, bl-ispejjeż. L-attriċi appellat mis-sentenza u l-Qorti ta' l-

Appell, b'sentenza tat-30 ta' Jannar 2004, qatgħet l-appell billi (a) ħassret is-sentenza tad-19 t'Ottubru 1999, li minnha sar l-appell, (b) iddikjarat illi l-attriċi "hi konsorti fl-utli dominju tal-fond *de quo* għall-finijiet tal-liġi dwar l-irkupru", u (ċ) bagħtet l-atti lura lill-ewwel qorti "sabiex din tiddeċiedi skond il-liġi fuq it-talba attriċi u fuq l-eċċezzjoni tal-kontro-parti konvenuta fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet" magħmula fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell.

Il-konvenuti b'rikors ta' l-14 ta' Settembru 2005 qegħdin issa jitolbu illi jitħassar il-kap (b) tas-sentenza u l-kawża tinstema' mill-ġdid dwar dak il-kap biss għar-raġunijiet imsemmija fil-para. (*k*) u (*l*) ta' l-art. 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Biex ifissu r-raġunijiet tagħhom għala s-sentenza għandha titħassar taħt il-para. (*k*) [sejbien ta' dokument deċiżiv], il-konvenuti jiċċitaw silta mis-sentenza tat-30 ta' Jannar 2004 ta' din il-qorti li tgħid hekk:

Il-partijiet jaqblu li d-dritt ta' l-attriċi sabiex teżerċita l-irkupru twieled mill-kuntratt datat l-14 ta' Mejju 1869, fl-atti tan-Nutar Giuseppe Grima (ara Dok. AA) fejn il-fondi in kwistjoni kienu għadhom fond wieħed. B'kuntratt sussegwenti ta' diviżjoni magħmul fil-21 ta' Ġunju 1900 il-fond ġie diviż. Ma hemmx ħtieġa li din il-qorti toqgħod tifli l-atti li gew esibiti mill-partijiet għar-raġuni li l-vertenza tirrivolvi dwar kwistjoni ta' interpretazzjoni legali. L-attriċi tinsisti li *stante* li l-propjretà ġiet diviża f'porzjonijiet ta' l-*utile* dominju, hija allura kellha dritt li tirkupra bit-titolu ta' konsorzju.

Il-konvenuti jkomplu jgħidu hekk:

Illi sfortunatament il-partijiet induċew lil din il-qorti fi żball ta' fatt meta qablu li d-dritt ta' l-attriċi sabiex teżerċita l-irkupru twieled mill-kuntratt datat 14 ta' Mejju 1869 atti Nutar Giuseppe Grima (Dok. AA) u dana għaliex ma eżaminawx sewwa l-istess dokumenti esibiti minnhom stess kif ser jiġi spiegat aktar 'l isfel.

… … …

Illi l-avukat sottoskritt assuma l-patroċinju tal-konvenuti flok Dr Vincent Falzon u *cioè* wara li ngħatat is-sentenza ta' din il-qorti u għaddiet in ġudikat. Meta kien qed jeżamina l-karti li pproduċew il-konvenuti nduna illi fid-dokument Dok. DD, esibit mill-attriċi, li huwa fotokopja tar-Reġistru tal-Parroċċa tan-Nadur, hemm notament li jgħid:

Per atti del Not. Fco. Gauci del 31 Agosto 1931 nuova concessione enfitewtica per 150 anni compatibili [*recte*: computabili] dal 15 Agosto 1931 a Giuseppa vedova di Nicola Mifsud mediante l-annuo canone di scellini quattro e *pence* sei.

Illi l-ġimgħa ta' wara u preċiżament fit-8 ta' Awissu 2005 l-konvenut Antonio Galea ġab kopia uffiċjali ta' l-imsemmi kuntratt tal-31 ta' Awissu 1931 atti Nutar Francesco Gauci kif jidher mill-irċevuta uffiċjali li tinsab imwaħħla magħha. Dan qed jingħad għar-rekwiżit tat-terminu kontemplat bl-artikolu 818(1)(*a*) ta' l-istess Kodiċi tal-Proċedura.

Illi jirriżulta mit-transazzjoni tas-6 ta' Marzu 1907 atti Angelo Cauchi, bejn Giuseppe Camilleri u Nicola Mifsud, li t-tnejn kienu qed jippretendu li għandhom id-dritt li jirkupraw il-fond kollu mogħti in enfitewżi temporanja bil-kuntratt tal-14 ta' Mejju 1869 fuq imsemmi (Dok. AA) u li kopja tiegħu (il-kuntratt ta' l-1907) tinsab esibita mill-attriċi man-nota tagħha tas-16 ta' Jannar 1997 ma' dokumenti indikati bl-ittra EE għalkemm ma jissemmiex fin-nota, u mill-konvenuti bħala Dok M2 man-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħhom – li Nicola Mifsud kien aċċetta li jieħu biss mill-fond in kontestazzjoni kamra wahda u *cioè* l-intrata numru 6 sussegwentement numru 7 waqt illi Giuseppe Camilleri kellu jżomm il-kumplament tal-fond, u ċ-ċens shih ta' 4 xelini 10 soldi u 6 ħabbiet gravanti l-fond kollhu kellu jinqasam kwantu għal 2 xelini u sold minn Nicola Mifsud u kwantu għal 2 xelini 9 soldi u sitt ħabbiet minn Giuseppe Camilleri.

Illi wara din it-transazzjoni sar il-kuntratt li ma kien jaf bih ħadd mill-partijiet *cioè* dak tal-31 ta' Awissu 1931 atti Nutar Francesco Gauci msemmi fin-nota tar-Reġistru Parrokjali u li kopja tiegħu qiegħda tiġi esibita u markata Dok. XX, li bih saret enfetewżi temporanja ġdida għal 150 [*sc.* sena] oħra li kellhom jibdew mill-15 ta' Awissu ta' l-istess sena, bejn il-Parroċċa tan-Nadur u Giuseppa armla ta' Nicola Mifsud, tal-kamra nurmu 7 dari numru 6 Pjazza tal-Knisja tan-Nadur "*presentemente l'entrata della casa alla stessa aderente è posseduta in enfiteusi perpetua dalla medesima vedova Mifusd e della quale è direttraria la Prebenda Arcipretale di ditto Casale Nadur*". *Cioè* dik il-kamra li akkwista bil-kuntratt ta' transazzjoni tal-1907.

L-ewwel kondizzjoni ta' din il-konċessjoni ġdida tgħid hekk:

Primo – che debba intendersi ceduto siccome vien da detta vedova Mifsud ceduto il rimanente tempo della corrente enfiteusi della suddetta camera gia concessa per anni novantanove dal mille otto e sessanta nove (1869)

Illi għalhekk b'dan il-kuntratt l-enfitewżi fuq il-kamra li kienet parti mill-fond konċess għal 99 sena bl-att fuq imsemmi ta' l-14 ta' Mejju 1869 spiċċat u saret enfiteweżi gdida għal 150 [*sc.* sena] li kellhom jibdew mill-15 ta' Awissu 1931. Enfitewżi separata u li ma kellha x'taqsam xejn ma' dik oriġinali ta' l-1869.

Illi għalhekk mhux korrett li jingħad kif intqal fis-sentenza ta' din il-qorti "illi l-attriċi hi konsorti fl-utili dominju tal-fond *de quo* għall-finijiet tal-liġi dwar l-irkupru" u l-kap b) tad-*decide* tas-sentenza ta' din il-qorti għandu għalhekk jiġi revokat.

Biex ifissru għala s-sentenza għandha titħassar ukoll taħt il-para. (*l*) ta' l-art. 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili [żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti], il-konvenuti komplew igħidu hekk:

Illi minn dak li ġie spiegat fuq jidher ċar anki mid-dokumenti li din il-qorti kellha quddiemha meta ngħatat is-sentenza illi mid-dar li nbigħet minn Anthony Mifsud, bin Nicola u Giuseppa konjuġi Mifsud, bil-kuntratt tad-19 ta' Awissu 1957 atti Giuseppe Cauchi u li wara l-attrici eżerċitat id-dritt ta' l-irkupru fuqu, il-kamra ta' barra biss tal-fond kollu mibjugħ u irkuprat *cioè* l-intrata setgħet qatt tiġi rkuprata bit-titolu ta' konsorzju fid-dirett dominju, kieku fil-fatt kien għadu jeżisti dana l-konsorzju, u għalhekk anki kieku l-kuntratt li instab issa tal-31 ta' Awissu 1931 baqa' ma nstabx l-istess ma setgħetx il-qorti tikkonkludi u tiddeċiedi li l-attriċi kienet konsorti fl-utili dominju tal-fond *de quo* għall-finijiet tal-liġi dwar l-irkupru imma kellha tgħid f'dan il-każ illi l-attriċi kienet konsorti fl-utili dominju ta' l-intrata tal-fond *de quo*. Il-kumplament tal-fond seta' kellha titolu li tirkuprah b'titolu ta' servitù, jekk verament dan jeżisti, imma mhux b'titolu ta' konsorzju fl-utili dominju.

Iill dan il-fatt jirriżulta mhux biss mill-kopja taċ-ċedola ta' rkupru li għamlet Maria Vella imma anke mill-istess ċitazzjoni.

Illi għalhekk anke taħt dan l-inċiż il-kap tas-sentenza attakkat b'din il-proċedura għandu jiġi revokat.

L-atturi wieġbu fl-24 t'Ottubru 2005 u ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. it-talba għar-ritrattazzjoni saret ħażin u ma tiswiex għax il-konvenuti qegħdin jitolbu t-tħassir ta' parti mis-sentenza u mhux tas-sentenza sħiħa, kif irid l-art. 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

2. safejn imsejsa fuq l-art. 811(*l*) [żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti], it-talba għar-ritrattazzjoni saret wara li għalaq iż-żmien mogħti fl-art. 818(1)(*d*);

3. l-aggravju tal-konvenuti ma jinkwadrax ruħu fit-termini ta' l-art. 811(*l*);

4. ma hemmx ir-raġunijiet li trid il-liġi għala ssir ritrattazzjoni taħt l-art. 811(*k*) [sejbien ta' dokument deċiżiv].

Wara li beda s-smigħ, fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2006 sar dan il-verbal:

Il-qorti issollevat *ex officio* l-kwistjoni jekk f'dan il-każ ir-rikors ta' ritrattazzjoni hux ritwali *o meno* in vista tal-fatt li l-kawża bejn il-partijiet għadha ma ġietx deċiża u l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jagħti dritt ta' ritrattazzjoni kemm fi Prim'Istanza kif ukoll f'appell fil-każ ta' "kawża li tkun deċiża" … … …

Imbagħad il-qorti iddifferiet il-kawża għal data oħra sabiex issir trattazzjoni dwar din il-kwistjoni. Wara li, fil-15 ta' Mejju 2006, sarat it-trattazzjoni, u, wara, saru wkoll noti ta' osservazzjonijiet mill-partijiet, il-kawża reġgħet ġiet differita "għas-sentenza fuq dan il-punt" u, fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2006, "ingħata provvediment" li fil-parti dispożittiva tiegħu jgħid hekk:

Tiddeċiedi illi ma hemm ebda irritwalità minħabba ċ-ċirkostanza sollevata minnha stess fil-verbal imsemmi tat-13 ta' Marzu 2006, u għalhekk tordna l-prosegwiment tas-smigħ tar-rikors ippreżentat fl-14 ta' Settembru 2005, u dan, s'intendi, interament bla preġudizzju għall-fondatezza *o meno* tat-talba għar-ritrattazzjoni anke fid-dawl ta' l-oġġezzjonijiet kollha mqajma mill-attriċi ritrattata fir-risposta tagħha ta' l-24 t'Ottubru 2005 u oġġezzjonijiet fil-meritu li għad iridu jiġu ikkunsidrati minn din il-qorti.

Fis-seduta tas-27 ta' Novembru, imbagħad, sar dan il-verbal:

Dr Grazio Mercieca [għall-attriċi] talab illi din il-qorti tħassar *contrario imperio* d-dikriet tagħha tal-20 ta' Novembru 2006 għar-raġuni :—

1. illi d-deċiżjoni … … … ma ssegwix il-premessa … … …; u
2. għax id-deċiżjoni ma hijiex motivata.

Dr Albert Camilleri [għall-konvenuti] jopponi għat-talba billi l-provvediment tal-20 ta' Novembru 2006 huwa sentenza *in parte*.

Il-kawża mbagħad ġiet differita għallum għall-provvediment fuq it-talba magħmula mill-attriċi u għas-sentenza.

Inqisu l-ewwel il-kwistjoni mqajma fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2006.

L-eċċezzjoni, mressqa *ex officio* mill-qorti fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2006, illi ma tistax issir talba għas-smigħ mill-ġdid, wara t-tħassir ta' sentenza, ta' kawża li għadha ma ġietx deċiża, hija eċċezzjoni perentorja fuq il-proċeduri għax, jekk tintlaqa', il-proċeduri jieqfu u, għalhekk, *post se non exspectat sententiam*. Għalhekk, il-provvediment tal-20 ta' Novembru 2006 ma jistax jitqies bħala dikriet interlokutorju iżda bħala sentenza li qatgħet definittivament il-kwistjoni.

Għal din ir-raġuni l-provvediment tal-20 ta' Novembru 2006, tajjeb jew ħażin, jorbot lil din il-qorti u ma jistax jitħassar *contrario imperio*; it-talba magħmula mill-attriċi fis-27 ta' Novembru 2006 hija għalhekk miċħuda.

Ngħaddu issa biex inqisu t-talbiet għat-tħassir tas-sentenza u l-eċċezzjonijiet imressqa mill-attriċi, u nibdew bl-eċċezzjoni preliminari illi t-talba għar-ritrattazzjoni saret ħażin u ma tiswiex għax il-konvenuti qegħdin jitolbu t-tħassir ta' parti mis-sentenza u mhux tas-sentenza sħiħa, kif irid l-art. 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

L-art. 811 igħid illi "Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, … … …". L-argument ta' l-attriċi huwa illi tista' titlob li kawża tinstema' mill-ġdid wara li titħassar is-sentenza – u mhux parti mis-sentenza – mogħtija f'dik il-kawża; il-konvenuta, iżda, talbet it-tħasir

ta’ kap wieħed tas-sentenza, mhux tas-sentenza kollha, u għalhekk it-talba saret ħażin.

Huwa minnu illi l-art. 811 igħid illi l-kawża tinstema’ mill-ġdid wara li tkun tħassret is-sentenza, iżda huwa relevanti wkoll dak li jgħid l-art. 813 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

**813.** Ir-ritrattazzjoni ma tingħatax ħlief għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 811 u ma tingħatax ħlief għal dawk il-kapi tas-sentenza attakkata illi dwarhom tkun teżisti xi waħda minn dawk ir-raġunijiet kif ukoll għall-kapi l-oħra li jkunu dipendenti minnhom.

Tassew illi, kif tgħid l-attriċi fin-nota ta’ osservazzjonijiet tagħha, dan l-artikolu jolqot il-proċeduri *in rescissorio* u mhux dawk *in rescindendo*, u huwa minnu wkoll illi jsemmi “s-sentenza attakkata” u mhux “il-kapi attakkati tas-sentenza”; madankollu, ladarba s-smigħ mill-ġdid jingħata biss dwar dawk il-kapi li dwarhom ikun hemm xi waħda jew aktar mir-raġunijiet imsemmija fl-art. 811, u l-kapi l-oħrajn jibqgħu għalhekk sħaħ, minkejja li s-sentenza tkun tħassret, effettivament it-tħassir ikun sar biss dwar dawk il-kapi milquta b’raġuni ta’ ritrattazzjoni.

Il-kwistjoni għalhekk hija waħda ta’ formaliżmu fl-għażla tal-kliem, għax fis-sewwa jkun inutli titlob it-tħassir tas-sentenza sħiħa meta, għax ir-raġunijiet ta’ ritrattazzjoni jolqtu biss xi kapi tagħha, il-kapi l-oħra effettivament sejrin jbqgħu fis-seħħ, bis-saħħa ta’ dak li jgħid u jrid l-art. 813.

L-ewwel eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.

Naraw issa t-talba taħt il-para. (*k*) ta’ l-art. 811, li jgħid illi tingħata ritrattazzjoni:

(*k*) jekk, wara s-sentenza, ikun instab dokument deċiżiv, u li l-parti li ġġibu ma kinitx taf bih, inkella, illi, bil-mezzi li tagħti l-liġi, ma setgħatx iġġibu, qabel dik is-sentenza;

Jidher ċar mill-ewwel, minn qari tar-rikors stess, illi t-talba mibnija fuq din ir-raġuni hija frivola għall-aħħar.

Kif jingħad fir-rikors, l-avukat tal-konvenuti sar jaf bid-“dokument deċiżiv” għax qalleb il-proċess u sab notament, f’dokument ieħor prodott mill-konvenuti stess, b’referenza għalih. Billi d-dokument kien att pubbliku, l-avukat bagħat lil wieħed mill-konvenuti biex jikseb kopja, u l-konvenut kiseb il-kopja ġimgħa wara.

Il-partijiet għandhom aċċess għall-atti kollha tal-kawża u għalhekk jitqiesu li jafu x'fihom, aktar u aktar jekk ikunu atti prodotti mill-parti stess. Kien għalhekk b'nuqqas tal-konvenuti – x'aktarx ġejja mid-drawwa, jew aħjar il-vizzju, illi parti tixħet dokument fl-atti bla ma tiflih biex tara x'fih u x'ma fihx – illi ma ntebħux li kien hemm il-kuntratt li issa qegħdin igħidu li hu dokument deċiżiv. Li kieku mxew b'aktar għaqal, u l-atti flewhom qabel ma ippreżentawhom jew għallinqas bi tħejjija għat-trattazzjoni, u mhux wara li ngħatat is-sentenza, kienu jintebħu bid-dokument u kienu jiksbu kopja tiegħu bl-istess faċilità li biha kisbu l-kopja wara s-sentenza.

Billi għalhekk id-dokument ma huwiex wieħed illi l-konvenuti, li kieku mxew bil-għaqal ta' *bonus paterfamilias*, ma kinux ikunu jafu bih, u lanqas wieħed li ma setgħux jiksbuh, qabel is-sentenza, it-talba għat-tħassir tas-sentenza taħt il-para. (*k*) ma tistax tintlaqa', u anzi l-qorti tqisha bħala frivola għall-aħħar.

Daqshekk ieħor frivola hija t-talba taħt il-para. (*l*):

(*l*) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.

L-art. 818(1)(*d*) jgħid hekk:

**818.** (1) Iż-żmien li fih tista' ssir it-talba għar-ritrattazzjoni huwa ta' tliet xhur, u jibda jgħodd -

(*d*) … … … minn dak in-nhar tas-sentenza attakkata.

Huwa ovvju illi, jekk tassew l-iżball kien jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża, seta' jinkixef hekk kif tingħata s-sentenza, u għalhekk iż-żmien jibda jgħaddi minn dakinhar tas-sentenza.

Is-sentenza ngħatat fit-30 ta' Jannar 2004 u t-talba għar-ritrattazjoni saret b'rikors ta' l-14 ta' Settembru 2005 – aktar minn sena u tmien xhur wara. Jidher *ictu oculi* għalhekk illi t-talba saret tard.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad it-talba magħmula bir-rikors ta' l-14 ta' Settembru 2005, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti rikorrenti. Billi wkoll hija tal-fehma illi t-talba għar-ritrattazzjoni kienet fiergħa u vessatorja, maħsuba biex ittawwal għalxejn il-proċeduri, il-qorti, wara li rat il-para. 10(1) tat-Tariffa A mehmuża bħala Skeda A mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lir-Reġistratur tal-Qrati spejjeż addizzjonali ta' mitejn u ħamsin lira (Lm250).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------